II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Gwida dwar l-iżgurar tar-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("il-Fondi SIE")

(2016/C 269/01)

Werrej

Paġna

1.	Introduzzjoni	1
2.	Il-kontenut u l-istatus legali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali	2
2.1.	Il-kontenut tal-Karta	2
2.2.	L-istatus legali u l-applikabbiltà tal-Karta	3
2.2.1.	L-istatus legali tal-Karta	3
2.2.2.	L-applikabbiltà tal-Karta	3
3.	L-Implimentazzjoni tal-FSIE u tal-Karta	3
3.1.	L-istabbiliment tal-istrateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u t-tfassil tad-dokumenti ta' programmar (it-tħejjija ta' oqfsa ta' politika strateġiċi, Ftehimiet ta' Sħubija, programmi eċċ.)	4
3.2.	It-twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll	5
3.3.	L-implimentazzjoni tal-programmi u t-twettiq ta' azzjonijiet konkreti ppreżentati f'deskrizzjoni tal-proġett għal xogħolijiet imwettqin fl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE	5
3.4.	L-applikabbiltà tal-Karta fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni: għaliex hija relevanti l-Karta għall-awtoritajiet tal-Istati fil-ġestjoni tal-Fondi SIE?	6
4.	Kif tivverifika l-konformità mal-Karta — il-lista ta' kontroll tad-drittijiet fundamentali	6

Annessi

— Anness I — Eżempji ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fondi SIE

— Anness II — Id-drittijiet fundamentali fl-UE lil hinn mill-Karta

— Anness III — Mistoqsijiet ewlenin

1. INTRODUZZJONI

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) saret legalment vinkolanti fl-UE mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, f'Diċembru 2009 u issa għandha l-istess valur legali bħat-Trattati tal-UE. Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa għaldaqstant obbligu ġuridiku għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji tal-UE fl-azzjonijiet kollha tagħhom, u għall-Istati Membri tal-UE meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

L-għan ta' din il-gwida huwa li tispjega lill-Istati Membri l-importanza li jiżguraw ir-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali meta jkunu qed jimplimentaw il-fondi SIE u li tipprovdi għodda prattika, "il-lista ta' kontroll tad-Drittijiet Fundamentali", biex tgħin lill-Istati Membri jiskrinjaw il-miżuri ta' implimentazzjoni tal-FSIE f'konfront mal-Karta.

Il-gwida tinkludi spjegi dwar il-kontenut, l-istatus legali u l-applikabbiltà tal-Karta in ġenerali kif ukoll fil-qafas tal-Fondi SIE. Hija tispjega wkoll l-eżekuzzjoni tagħha fil-kuntest tal-FSIE u l-konsegwenzi possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Karta. Din il-Gwida tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet lill-atturi rilevanti dwar kif iwettqu l-valutazzjoni ta' konformità tal-azzjonijiet mal-Karta u tidentifika l-azzjonijiet fil-kuntest tal-Fondi FSIE li huma kkunsidrati bħala l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

2. IL-KONTENUT U L-ISTATUS LEGALI TAL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

2.1. Il-kontenut tal-Karta

Il-Karta tinkludi d-drittijiet u l-prinċipji fir-rigward ta' sitt temi: Id-Dinjità, il-Libertajiet, l-Ugwaljanza, is-Solidarjetà, id-Drittijiet taċ-Ċittadini, u l-Ġustizzja kif imqassra fit-tabella hawn taħt.

Titolu I **"Id-Dinjità"** (l-Artikoli 1-5):

— id-dinjità umana, id-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, il-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament jew il-piena inumani jew degradanti, il-projbizzjoni tal-iskjavitù u x-xogħol furzat;

Titolu II **"Il-Libertajiet"** (l-Artikoli 6-19):

— id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni ta' dejta personali, id-dritt li persuna tiżżewweġ u tifforma familja, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-arti u x-xjenzi, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, id-dritt għall-asil, il-protezzjoni fl-eventwalità ta' tneħħija, it-tkeċċija u l-estradizzjoni;

Titolu III **"L-Ugwaljanza"** (l-Artikoli 20-26):

— l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, id-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-anzjani, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltajiet;

Titolu IV **"Is-Solidarjetà"** (l-Artikoli 27-38):

— id-dritt tal-ħaddiema għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fl-impriża, id-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi, id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' impjieg, il-protezzjoni fl-eventwalità ta' tkeċċija inġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa, il-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fix-xogħol, fil-familja u fil-ħajja professjonali, is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, il-kura tas-saħħa, l-aċċess għas-servizzi tal-interess ekonomiku ġenerali, il-ħarsien tal-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur;

Titolu V **"Id-Drittijiet taċ-Ċittadini"** (l-Artikoli 39-46):

— id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet muniċipali, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt għal aċċess għad-dokumenti, id-dritt ta' rikors għand l-Ombudsman Ewropew, id-dritt ta' petizzjoni, il-libertà ta' moviment u residenza, il-protezzjoni diplomatika u konsulari;

Titolu VI **"Il-Ġustizzja"** (l-Artikoli 47-50):

— id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, is-suppożizzjoni tal-innoċenza u d-dritt ta' difiża, il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni, id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat kriminali;

It-test tal-Karta jinstab f'din il-link:

http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:12012P/TXT

L-Ispjegazzjonijiet li jirrigwardaw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprovdu gwida dwar it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-Karta u jinstabu f'din il-link:

http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2007.303.01.0017.01.ENG

Sabiex tagħti kontribut għal sensibilizzazzjoni akbar dwar id-drittijiet fundamentali, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Fundamental Rights Agency, FRA) żviluppat għodda onlajn faċli għall-utent bl-isem Charterpedia, li tiġbor id-dritt kostituzzjonali internazzjonali, tal-UE u nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali marbutin mas-suġġetti, il-kapitoli u l-Artikoli tal-Karta ([1]).

([1]) https://infoportal.fra.europa.eu/InfoPortal/infobaseFrontEndCountryHome.do?btnCountryLinkHome_1

2.2. L-istatus legali u l-applikabbiltà tal-Karta

2.2.1. *L-istatus legali tal-Karta*

It-Trattat ta' Lisbona ta lill-Karta l-istess valur legali bħat-Trattati tal-UE. Hija legalment vinkolanti u r-rispett għad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta huwa rekwiżit legali.

Skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, soġġetti għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, u lill-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, huma jridu jirrispettaw id-drittijiet u josservaw il-prinċipji minquxa fil-Karta u jmexxu 'l quddiem l-applikazzjoni tagħhom b'konformità mas-setgħat rispettivi tagħhom meta jkunu qed jadottaw u jimplimentaw xi regoli. L-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 51(2) tal-Karta jispeċifikaw li d-dispożizzjonijiet tal-Karta jistgħu ma jestendux b'xi mod il-kompetenzi tal-Unjoni kif iddefinit fit-Trattati.

Ir-rekwiżit tar-rispett għad-drittijiet iddefinit fil-Karta huwa vinkolanti fuq l-Istati Membri meta jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni biss. Fir-rigward tal-Istati Membri, il-Karta tapplika għall-"emanazzjonijiet ta' Stat" kollha. Għalhekk hija tapplika għall-awtoritajiet ċentrali, kif ukoll għall-awtoritajiet reġjonali, lokali u oħrajn pubbliċi meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Fondi SIE, l-azzjonijiet kollha li jieħdu l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-regolamenti applikabbli jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Il-Karta tista' tapplika għall-benefiċjarji tal-FSIE, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, li jkunu maħtura bħala responsabbli, skont miżura adottata minn Stat Membru, sabiex jipprovdu servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-Istat u li għal dan il-għan ikollhom setgħat speċjali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mir-regoli normali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-individwi.

Filwaqt li r-rispett għad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta huwa rekwiżit legali, ma hemm l-ebda obbligu ġuridiku skont il-Karta biex jittieħdu miżuri ta' promozzjoni tad-drittijiet minquxa fil-Karta, iżda l-Istati Membri huma mħeġġa biex jadottaw dawn il-miżuri jekk ikunu jridu.

2.2.2. *L-applikabbiltà tal-Karta*

Skont l-Artikolu 51(1) tagħha, il-Karta hija indirizzata lill-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

B'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni min-naħa tal-Istati Membri" ma jfissirx li l-Istati Membri jkunu awtomatikament qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni meta jqassmu s-sostenn skont il-Fondi FSIE, irrispettivament mill-"miżura nazzjonali" jew "il-leġiżlazzjoni nazzjonali" li tkun wara dak l-att ikkontestat minn ilmentatur jew applikant.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali tinvolvix l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, skont il-Qorti tal-Ġustizzja huwa "meħtieġ li jiġi vverifikat, fost elementi oħra:

— jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandhiex bħala għan li timplementa dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

— in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni;

— jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhiex għanijiet oħra minbarra dawk koperti bid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista' taffettwa indirettament lid-dritt tal-Unjoni;

— jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista' taffettwaha."

Ir-raġunament ta' dan ta' hawn fuq japplika *mutatis mutandis* għal kull miżura nazzjonali li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, kemm jekk leġiżlattiva kemm jekk mhux.

Il-qorti kompliet tikkonferma li, fil-politika ta' koeżjoni bħal f'oqsma oħra, il-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" teħtieġ ċertu grad ta' konnessjoni 'l fuq u lil hinn mill-fatt li l-kwistjonijiet koperti jkunu relatati mill-qrib jew li waħda minn dawk il-kwistjonijiet ikollha impatt dirett fuq l-oħra.

Il-konsegwenza ta' din il-każistika hija li se jkun neċessarju li jiġi studjat jekk f'każ prattiku miżura nazzjonali jkollhiex l-għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew le.

L-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-FSIE hija spjegata fit-Taqsima 3 hawn taħt u fl-Anness I.

3. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FSIE U TAL-KARTA

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-drittijiet fundamentali japplikaw taħt il-kundizzjonijiet indikati hawn taħt.

Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie msaħħaħ fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (minn hawn 'il quddiem "is-CPR") permezz tal-introduzzjoni ta' kontroll *ex ante* dwar l-eżistenza ta' arranġamenti biex ikun żgurat ir-rispett tiegħu.

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jiggarantixxu r-rispett tal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u n-nondiskriminazzjoni matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi.

Rigward il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà u l-prinċipju tal-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, wieħed għandu jinnota li l-UE hija parti għall-UNCRPD [2]. Il-konsegwenzi legali tar-ratifika tal-UNCRPD mill-Unjoni għall-ġestjoni tal-fondi SIE huma deskritti hawn taħt fl-Anness II.

L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li s-sostenn mill-Fondi ESI jkun konsistenti mal-politiki rilevanti u mal-prinċipji orizzontali kif imsemmija fost l-oħrajn fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u mal-prijoritajiet tal-Unjoni.

Il-qafas legali applikabbli għall-politika ta' koeżjoni ġie ulterjorment imsaħħaħ biex jiżgura li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ sistema għat-trattament tal-ilmenti, inklużi l-ilmenti li jallegaw ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Fil-kuntest tal-Fondi SIE, id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tattiva l-applikazzjoni tal-Karta tinstab fir-regolamenti u d-direttivi tal-UE li ġejjin:

1. is-CPR;

2. Ir-Regolamenti speċifiċi għall-Fond;

3. Ir-Regolamenti ddelegati u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottati abbażi tas-CPR jew tar-Regolamenti speċifiċi għall Fond;

4. Regolamenti u direttivi oħra tal-UE, li huma applikabbli għall-azzjonijiet tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Fondi SIE. L-identifikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni tar-regolamenti u d-direttivi, applikabbli għall-azzjonijiet tal-Istati Membri kollha l-oħra tal-UE fl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE tmur lil hinn mill-għan ta' din il-gwida. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom l-obbligu li jirrispettaw il-Karta f'dan il-kuntest ukoll.

F'dak li jirrigwarda l-qasam tal-Fondi SIE l-Istati Membri qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni meta fl-istabbiliment tal-istrateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u fit-tfassil tad-dokumenti ta' programmazzjoni (1), fl-istabbiliment tas-sistema ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll (2), fl-implimentazzjoni tal-programmi (3) taħt is-sett ta' regolamenti msemmijin hawn fuq taħt il-punti minn 1 sa 3. Għalhekk fil-fażijiet li ġejjin l-Istati Membri jeħtieġ li jiggarantixxu l-konformità mal-Karta [3]:

3.1. L-istabbiliment tal-istrateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u t-tfassil tad-dokumenti ta' programmar (it-tħejjija ta' oqfsa ta' politika strateġiċi, Ftehimiet ta' Sħubija, programmi eċċ.)

Huwa kkunsidrat li l-Istati Membri jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meta jadottaw atti jew ifasslu dokumenti li jirriżultaw minn obbligu inkluż fis-CPR, jew kwalunkwe wieħed mill-atti ddelegati jew ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan jinkludi, pereżempju, it-tfassil tal-Ftehim ta' Sħubija jew ta' programmi operazzjonali (PO).

Meta l-Istati Membri jfasslu tali dokumenti, jeħtieġ li jiżguraw, bl-għajnuna tal-"Lista ta' Kontroll tad-Drittijiet Fundamentali" li l-kontenut tad-dokument ikun f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Karta. Il-kontenut tad-dokument jeħtieġ li jirrispetta d-drittijiet protetti mill-Karta u li jkun josserva l-prinċipji tagħha.

F'dan il-kuntest, l-aktar drittijiet u prinċipji relevanti huma l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltajiet, id-dritt għall-proprjetà, u l-ħarsien tal-ambjent.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

[2] Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (adottata mill-Assemblea Ġenerali permezz tar-riżoluzzjoni tagħha 61/106 fit-13 ta' Diċembru 2006. Din daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2008 mal-20 ratifika) — https://www.un.org/development/desa/disabilities/conference-of-states-parties-to-the-convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities-2.html

[3] L-eżempji tal-azzjonijiet tal-Istati Membri li huma kkunsidrati li huma implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni huma mogħtija fil-kuntest tal-qafas legali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Madankollu sa mill-2009 id-dispożizzjonijiet tal-Karta jridu jiġu applikati, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-FSIE skont il-kundizzjonijiet li huma mfakkra f'dan id-dokument ta' gwida.

3.2. It-twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll

Huwa kkunsidrat li l-Istati Membri jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meta jistabbilixxu strutturi u proċeduri meħtieġa mis-CPR għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-fondi SIE jew jekk mhux espressament meħtieġ, meta jdaħħlu fis-seħħ tali strutturi bl-għan li jimplimentaw is-CPR, regoli speċifiċi għall-fond jew l-atti ddelegati jew ta' implimentazzjoni tagħhom. Dan ikopri l-ħatra tal-awtoritajiet u tal-korpi intermedji, l-arranġamenti ta' ħidma bejniethom, it-twaqqif tal-kumitat ta' monitoraġġ u l-adozzjoni ta' manwali ta' proċeduri.

Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet u l-prinċipji tal-Karta jiġu rispettati. F'dan il-kuntest, l-aktar dispożizzjonijiet relevanti huma b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 41 u 47 tal-Karta.

L-Artikolu 47 jirrikonoxxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, inkluż id-dritt li jiġi mismugħ. L-Artikolu 7 jirrigwarda r-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. L-Artikolu 8 jirrigwarda l-protezzjoni ta' dejta personali filwaqt li l-Artikolu 41 jirrigwarda l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.

Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust jeħtieġ li jkun żgurat matul il-proċeduri kollha li jkunu fis-seħħ biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tas-CPR, ir-regoli speċifiċi għall-fond jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni tiegħu.

Pereżempju, is-suġġett tal-Kawża tal-QtĠ-UE C-562/12 Liivimaa Lihaveis MTÜ v Eesti-Läti programmi 2007-2013, Seirekomitee skont il-programm ta' kooperazzjoni transfruntiera Estonja-Latvja kien kif ġej: Seirekomitee, korp magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ Stati Membri, ħa d-deċiżjonijiet finali dwar il-valutazzjoni kwalitattiva tal-applikazzjonijiet tal-proġett skont dak il-programm. Dan il-kumitat kien adotta wkoll manwal ta' programm, li kien jistipula li d-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu ma jkunux soġġetti għal appell quddiem qorti nazzjonali. Minkejja li l-adozzjoni ta' manwal tal-programm ma kienet espliċitament imsemmija la fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u lanqas f'xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-UE, il-QtĠ-UE kkonkludiet li l-manwal kien b'mod ċar adottat bl-intenzjoni li tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-UE u li kien vinkolanti fuq kull persuna li tixtieq tikseb l-għajnuna skont l-imsemmi programm. Għaldaqstant il-Karta, inkluż l-Artikolu 47 tagħha, kienet ikkunsidrata applikabbli f'dan il-każ. Il-QtĠ-UE kkonkludiet li l-esklużjoni minn manwal ta' programm ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali għal deċiżjoni li tiġi rrifjutata għotja mhijiex konformi mal-Artikolu 47.

Rigward l-organizzazzjoni tas-sħubija, l-aktar drittijiet u prinċipji relevanti tal-Karta jinkludu: in-nondiskriminazzjoni, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, filwaqt li fir-rigward tal-formulazzjoni ta' regoli ta' sħubija pereżempju, ikun meħtieġ li tingħata attenzjoni paritkolari lid-drittijiet u l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Fir-rigward tal-funzjonijiet u l-obbligi tal-kumitat ta' monitoraġġ fil-qafas tal-istabbiliment ta' sistema ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll, l-aktar drittijiet u prinċipji relevanti tal-Karta jkunu jinkludu l-protezzjoni tad-dejta personali, in-nondiskriminazzjoni, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.

3.3. L-implimentazzjoni tal-programmi u t-twettiq ta' azzjonijiet konkreti ppreżentati f'deskrizzjoni tal-proġett għal xogħolijiet imwettqin fl-implimentazzjoni tal-Fondi SIE

L-implimentazzjoni tal-programmi teħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-awtorità ta' ġestjoni jew mill-korpi intermedji [1]. Tali azzjonijiet, bħal pereżempju, it-tnedija ta' sejħiet għal proposti, l-għażla ta' operazzjonijiet, l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja, is-segwitu tal-implimentazzjoni, il-kontroll tal-pretensjonijiet għall-ħlas mill-benefiċjarji, it-twettiq tal-verifiki fil-post, is-superviżjoni tax-xogħol li jagħmlu l-korpi intermedji, it-twassil ta' pretensjonijiet għall-ħlas, it-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti huma azzjonijiet ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Ir-repsonsabbiltajiet tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 126 tas-CPR jimplikaw ukoll it-teħid ta' miżuri ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. L-awtoritajiet tal-awditjar ukoll, meta jfasslu strateġija tal-awditjar, meta jwettqu awditu, meta jabbozzaw rapporti dwar opinjonijiet tal-awditjar u l-kontroll

Barra minn hekk, kif spjegat fil-*Kapitolu 2.2, l-Istatus Legali tal-Karta*, il-Karta tista' tapplika għal ċerti benefiċjarji, meta jitwettqu l-kundizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu 2.2 (l-Istat Membru jadotta miżura li tagħmel lil dawk il-benefiċjarji, irrispettivament mill-forma legali tagħhom, responsabbli biex jipprovdu servizz pubbliku taħt il-kontroll tal-Istat. Għal dan il-għan ikollhom setgħat speċjali lil hinn minn dawk li jirriżultaw mir-regoli normali applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-individwi) [2].

[1] Pereżempju l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) imsemmijin fl-Artikoli 34(1) u 125 tas-CPR meta jaġixxu bħala korpi intermedji.

[2] Il-lista ta' kontroll mogħtija fil-Kapitolu 4 ta' din il-gwida tista' tintuża' biex jiġi vvalutat jekk ċerta azzjoni ta' dawn il-benefiċjarji tirrappreżentax azzjoni ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Meta jwettqu l-kompiti tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jiżguraw li d-drittijiet u l-prinċipji tal-Karta jiġu rrispettati u f'dan il-kuntest, l-aktar drittijiet u prinċipji relevanti tal-Karta huma d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, id-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali, id-dritt għall-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-dritt għan-nondsikriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet u livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent, id-diversità lingwistika, kundizzjonijiet siguri tax-xogħol, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għall-proprjetà, il-protezzjoni fl-eventwalità tat-tneħħija, it-tkeċċija u l-estradizzjoni, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

3.4. L-applikabbiltà tal-Karta fil-kuntest tal-Politika ta' Koeżjoni: għaliex hija relevanti l-Karta għall-awtoritajiet tal-Istati fil-ġestjoni tal-Fondi SIE?

Ksur ta' dritt fundamentali minqux fil-Karta huwa soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju mill-qrati tal-Istati Membri u mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE).

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt nazzjonali bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni jridu jiġu interpretati f'koerenza mal-obbligi tal-Karta, sabiex jagħti effett lid-drittijiet iggarantiti minnha. Meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-applikabbiltà tal-Karta jew dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tagħha, hija tista' — u, fil-każ ta' qorti nazzjonali tal-aħħar istanza, trid — tirreferi għall-QtĠ-UE għal deċiżjoni preliminari. It-tweġiba tal-QtĠ-UE tippermetti lill-qorti nazzjonali biex tiddeċiedi l-każ. Il-qrati nazzjonali jużaw din il-proċedura regolarment. Dan jgħin lill-iżvilupp tal-Karta fir-rigward tal-każisitka u jsaħħaħ l-irwol tal-qrati nazzjonali biex jiddefenduha.

Il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, għandha s-setgħa li tipprova xxejjen il-vjolazzjoni tal-Karta. Hija tista' tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri għal nuqqas ta' konformità mal-Karta.

Minħabba li l-Karta tapplika għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma tistax tniedi proċedura ta' ksur għal nuqqas ta' konformità ta' liġi nazzjonali mal-Karta jekk dik il-liġi nazzjonali fil-kwistjoni ma timplimentax id-dritt tal-Unjoni. Fejn ma tapplikax il-Karta, id-drittijiet fundamentali jibqgħu jiġu ggarantiti fil-livell nazzjonali taħt it-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri u l-konvenzjonijiet internazzjonali li jkunu rratifikaw, li r-rispett għalihom huwa ggarantit mill-qrati nazzjonali.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Fondi SIE, l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jirrikjedi li l-operazzjonijiet appoġġati mill-FSIE jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni applikabbli u mad-dritt nazzjonali li jirrigwarda l-applikazzjoni tiegħu. Jekk Stat Membru ma jirrispettax il-Karta kif xieraq meta jieħu azzjonijiet jew miżuri ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dan jista' jikkostitwixxi irregolarità minn oepratur ekonomiku (l-Artikolu 2(36) tas-CPR. Il-Kummissjoni għalhekk, fejn xieraq, se tagħmel użu mill-mezzi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li l-Fondi tal-UE jintużaw f'konformità mal-Karta, f'dawk il-każi fejn huwa applikabbli, inkluż interruzzjonijiet ta' skadenzi ta' ħlasijiet, sospensjonijiet ta' ħlasijiet u korrezzjonijiet finanzjarji kif ukoll proċedimenti ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE.

Id-dover tal-awtoritajiet nazzjonali li jiggarantixxu r-rispett u l-protezzjoni għad-drittijiet fundamentali huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tal-ilmenti li jistgħu jirċievu l-Istati Membri rigward vjolazzjoni possibbli tal-Karta. Relatat mal-kwistjoni ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Karta fl-Istati Membri hemm l-obbligu tal-Istati Membri li jirriżulta mill-Artikolu 74(3) tas-CPR, li jkollhom fis-seħħ arranġamenti effettivi għall-istudju tal-ilmenti rigward il-Fondi SIE imressqa minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi. L-ilmenti rigward il-fondi SIE jistgħu jiġu indirizzati wkoll direttament lill-Kummissjoni.

4. KIF TIVVERIFIKA L-KONFORMITÀ MAL-KARTA — IL-LISTA TA' KONTROLL TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Fondi SIE huma mistiedna biex jivvalutaw bir-reqqa jekk l-azzjonijiet u l-miżuri (ippjanati jew adottati diġà) jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u jivverifikaw jekk jistax ikollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta.

Bħala għodda prattika sabiex tgħinhom iwettqu din il-valutazzjoni, qed tiġi proposta l-lista ta' kontroll li ġejja iżda l-użu tagħha mhuwiex obbligatorju.

I. IVVERIFIKA — jekk l-azzjoni jew miżura nazzjonali prevista hijiex miżura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tal-Karta

NB: dan il-kontroll mhuwiex neċessarju għal azzjonijiet u dokumenti identifikati f'din il-gwida bħala li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

(a) Ivverifika jekk hemmx obbligu fid-dritt tal-Unjoni minbarra l-Karta applikabbli għall-azzjoni jew miżura nazzjonali.

(b) Jekk hemm tali obbligu fid-dritt tal-Unjoni, ivverifika jekk l-azzjoni jew miżura nazzjonali hijiex maħsuba biex timplimentaha.

II. **IVVERIFIKA — jekk hemmx ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali**

1. Liema huma d-drittijiet fundamentali affettwati? *(L-skrinjar tal-azzjoni jew miżura prevista fid-dawl tad-drittijiet fundamentali fil-Karta kif ukoll tal-"mistoqsijiet ewlenin dwar l-impatt" fl-Anness III jipprovdi l-ewwel indikazzjoni rigward liema drittijiet fundamentali se jkunu kkonċernati)*

2. Id-drittijiet fil-kwistjoni huma drittijiet assoluti? *(Pereżempju, il-projbizzjoni tat-tortura u l-projbizzjoni tal-iskjavitù jew is-servitù).*

Jekk jiġi konkluż li l-azzjoni jew miżura eżaminata tillimita dritt assolut, hija għandha titwarrab diġà f'dan l-istadju peress li d-drittijiet assoluti ma jistgħux jiġu llimitati u għalhekk ma hemmx bżonn ta' analiżi ulterjuri taħt l-punti 3-6.

3. X'inhu l-impatt li għandha l-azzjoni jew miżura prevista taħt eżami fuq id-drittijiet fundamentali? *Dan il-pass ifittex li jidentifika, għall-partijiet kollha kkonċernati kull impatt pożittiv (promozzjoni tad-drittijiet fundamentali) jew negattiv (limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali)?*

4. L-azzjoni jew miżura prevista għandha impatt kemm ta' benefiċċju kif ukoll negattiv, skont id-drittijiet fundamentali kkonċernati *(pereżempju, impatt negattiv fuq il-libertà tal-espressjoni u wieħed ta' benefiċċju fuq il-proprjetà intellettwali)*

Jekk l-analiżi turi li l-azzjoni jew miżura prevista ma jkunx se jkollha impatt fuq id-drittijiet fundamentali jew impatti pożittivi biss fuq id-drittijiet fundamentali ma hemmx bżonn ta' analiżi ulterjuri taħt il-punti 5 u 6. Jekk tidentifika impatti negattivi, ikkunsidra dan li ġej:

5. Il-limitazzjoni/impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali huwa previst mil-liġi, b'mod ċar u prevedibbli?

6. Tali limitazzjoni/impatt negattiv:

   — Se jissodisfa b'mod ġenwin objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni jew objettiv ta' protezzjoni tad-drittijiet jew tal-libertajiet ta' oħrajn (*Dan il-pass għandu jidentifika liema objettiv ta' interess ġenerali jew ta' protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' oħrajn*)?

   — Huwa neċessarju biex jinkiseb l-għan mixtieq? *(Dan il-pass jeħtieġ li jeżamina jekk il-miżura hijiex adatta u effettiva biex jintlaħaq l-objettiv segwit mingħajr ma wieħed imur lil hinn milli hu meħtieġ biex jintlaħaq? Għaliex ma hemmx miżura daqstant effettiva iżda inqas intrużiva?);*

   — Huwa proporzjonat mal-għan mixtieq?

   — Iħares l-essenza tad-drittijiet fundamentali kkonċernati?

Jekk dawn il-mistoqsijiet jistgħu jitwieġbu kollha fl-affermattiv, allura l-limitazzjoni tad-dritt fundamentali effettwat tista' tiġi kkunsidrata leġittima.

Rigward l-użu tal-lista ta' kontroll, ara l-eżempju konkret ta' hawn taħt dwar kif din hija użata abbażi tal-fatti tal-kawża C-401/11 Blanka Soukupová v Ministerstvo zemědělství u tal-valutazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' April 2013.

L-Istat Membru inkwistjoni stabbilixxa skema ta' sostenn għall-iritrar bikri għall-bdiewa kkofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG). Il-kunċett ta' "età tal-pensjoni" sabiex wieħed ikun jista' jipparteċipa fl-iskema ġie definit mil-liġi nazzjonali. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ddeterminat l-età tal-pensjoni li kienet tvarja skont is-sess tal-applikant u, għan-nisa, fuq l-għadd ta' ulied li rabbew.

Meta tiġi applikata l-lista ta' kontroll għal dan il-każ, jistgħu jiġu analizzati l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Liema huma d-drittijiet fundamentali affettwati?

L-iskema ta' sostenn għall-irtirar bikri taffettwa l-prinċipju tat-trattament indaqs u n-nondiskriminazzjoni minquxa fl-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta.

2. Id-drittijiet fil-kwistjoni huma drittijiet assoluti?

Le, id-drittijiet minquxa fl-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta ma humiex drittijiet assoluti.

3. X'inhu l-impatt li għandha l-azzjoni jew miżura prevista taħt eżami fuq id-drittijiet fundamentali? Dan il-pass ifittex li jidentifika, għall-partijiet kollha kkonċernati kull impatt pożittiv (promozzjoni tad-drittijiet fundamentali) jew negattiv (limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali)?

Minħabba l-fatt li l-età normali tal-pensjoni hija ddeterminata b'mod differenti skont is-sess tal-applikant għal sostenn għall-irtirar bikri mill-biedja u, fil-każ ta' applikanti nisa, fuq l-għadd ta' ulied li rabbew, l-iskema ta' sostenn għall-irtirar bikri jista' jkollha impatt negattiv bejn l-irġiel u n-nisa u tqiegħed lill-bdiewa nisa fi żvantaġġ partikolari fil-konfront mal-bdiewa rġiel.

4. L-azzjoni jew il-miżura prevista għandha impatt kemm ta' benefiċċju kif ukoll negattiv, skont id-drittijiet fundamentali kkonċernati?

L-azzjoni prevista għandha impatt negattiv biss fuq id-dritt ikkonċernat, l-aktar għan-nisa li rabbew iktar ulied. Nisa li rabbew iktar tfal oġġettivament igawdu minn perjodu iqsar li fih jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għar-reġistrazzjoni taħt l-iskema ta' rtirar bikri mill-perjodu mogħti lill-irġiel jew lil nisa li rabbew inqas ulied.

5. Il-limitazzjoni/impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali huwa previst mil-liġi, b'mod ċar u prevedibbli?

Iva, il-kunċett ta' "età normal tal-pensjoni" ġie definit fil-liġi nazzjonali.

6. Tali limitazzjoni/impatt negattiv:

— Se jissodisfa b'mod ġenwin objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni jew objettiv ta' protezzjoni tad-drittijiet jew tal-libertajiet ta' oħrajn

Le, id-differenza fit-trattament ma tissodisfax objettiv ta' interess ġenerali tal-Unjoni jew *objettiv ta' protezzjoni tad-drittijiet jew tal-libertajiet ta' oħrajn.*

— Huwa neċessarju biex jinkiseb l-għan mixtieq? (Dan il-pass jeħtieġ li jeżamina jekk il-miżura hijiex addattata u effettiva biex jintlaħaq l-objettiv segwit mingħajr ma wieħed imur lil hinn milli hu meħtieġ biex jintlaħaq? Għaliex ma hemmx miżura daqstant effettiva iżda inqas intrużiva?);

Le, il-miżura mhix neċessarja biex jintlaħaq l-għan mixtieq, li huwa li tinkoraġġixxi tali bdiewa irrispettivament mis-sess u l-għadd ta' ulied li rabbew, biex jieqfu mill-attività tal-biedja kmieni u definittivament, bil-għan li tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli. Dawn il-bdiewa, kemm irġiel kif ukoll nisa, huma intitolati biex jitolbu tali sostenn, jekk ikunu definittivament waqfu minn kull attività agrikola kummerċjali wara li kienu fil-biedja għal aktar minn 10 snin qabel jieqfu u ma kellhomx inqas minn 55 sena iżda mhux ta' età tal-pensjoni qabel waqfu. L-għan mixtieq seta' jintlaħaq ukoll billi ma ssirx distinzjoni fuq il-bażi ta' sess jew l-għadd ta' ulied li trabbew.

Minħabba li dawn il-mistoqsijiet ma jistgħux jiġu mwieġba fl-affermattiv, il-limitazzjoni tad-dritt fundamentali affettwat (it-trattament indaqs) ma jistax jiġi kkunsidrat bħala leġittimu, u għalhekk jammonta għall-ksur tal-Artikoli 20, 21(1) u 23 tal-Karta.

ANNESS I

Eżempji ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fondi SIE

Fil-Kapitolu 3 ta' din il-Gwida, ġew identifikati t-tliet fażijiet tal-implimentazzjoni tal-Fondi ESI li jirrikjedu konformità mal-Karta.

Il-lista tal-iktar dispożizzjonijiet rilevanti tas-CPR li jeħtieġu azzjonijiet u dokumenti minn awtorità/korp (ċentrali, reġjonali jew lokali) nazzjonali qed tingħata hawn taħt. Eżempji tal-Karta tad-dritt jew il-prinċipju li jistgħu jkunu rilevanti fil-każ speċifiku kif ukoll eżempji ta' kwistjonijiet possibbli relatati ma' drittijiet fundamentali huma indikati wkoll.

Meta l-Istati Membri jfasslu d-dokumenti u jadottaw atti li jimplimentaw il-liġi tal-UE (tkun xi tkun il-forma tagħhom: deċiżjoni, ittra, manwal, liġi, eċċ.), dan għandu jsir bl-attenzjoni dovuta lill-obbligi tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet stabbiliti fil-Karta.

Pereżempju, id-dritt li ma jkunx hemm diskriminazzjoni, id-dritt għall-proprjetà, il-protezzjoni tad-data, kif ukoll id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust jeħtieġ li jkunu żgurati matul il-proċeduri kollha li huma fis-seħħ biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tas-CPR, jew l-atti delegati jew tal-implimentazzjoni tiegħu.

1. L-istabbiliment ta' strateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u t-tfassil tad-dokumenti ta' programmar

Rigward it-tħejjija tal-istrateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u d-dokumenti ta' programmar, is-CPR jipprevedi ċerti azzjonijiet tal-Istati Membri li jikkostitwixxu miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u jesiġu konformità mal-Karta. Azzjonijiet tal-Istati Membri:

— it-tħejjija u l-modifika ta' Ftehim ta' Sħubija — l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tal-Karta f'dan il-proċess li jwassal għall-preżentazzjoni tad-dokument lill-Kummissjoni kif ukoll fid-dokument innifsu;

— it-tħejjija u l-modifika ta' programmi (l-Artikolu 26(2) u 30 tas-CPR, l-Artikoli 4(4), 7, 8, 19(1) u l-Anness XI tas-CPR; FEŻR, FSE, FK: 96(2), 96(4)(a), 96(7), 96(10) tas-CPR; FEŻR: l-Artikolu 8(7) u (12) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); FAEŻR: l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]); FEMS: l-Artikoli 17, 18 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2014 ([4]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2014 ([5]);

— Programmi;

Dawn id-drittijiet/prinċipji tal-Karta jistgħu jkunu ta' importanza partikolari: l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltajiet, id-dritt għall-proprjetà, u l-ħarsien tal-ambjent.

2. It-twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll

huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet maħtura minnhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-konformità mal-Karta meta jkunu qed jistabbilixxu s-sistema ta' ġestjoni, monitoraġġ u kontroll. Din il-lista ta' azzjonijiet u dokumenti mhux eżawrjenti hija mitluba mir-Regolamenti:

I. ***L-Istati Membri*** l-azzjonijiet rilevanti huma: it-twaqqif ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal programmi, l-organizzazzjoni ta' sħubija u l-iffurmular ta' r-regoli tas-sħubija tal-kumitat ta' sorveljanza.

A) *Il-ħolqien ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal programmi* (l-Artikolu 74(2) tas-CPR), l-Artikoli 7, 72, 74(2) tas-CPR, il-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, il-FEMS: 123 tas-CPR, il-FAEŻR: l-Artikoli 65 u 66 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]); FEMS: l-Artikoli 97 u 99 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2014 ([7]).

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
(2) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
(3) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.
(4) ĠU L 209, 16.7.2014, p. 20.
(5) ĠU L 291, 7.10.2014, p. 1.
(6) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
(7) ĠU L 283, 27.9.2014, p. 11.

Id-Dokumenti marbuta mal-ħolqien tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programmi:

— id-dokumenti li fihom ir-regoli li jistabbilixxu sistemi ta' ġestjoni u kontroll

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri biex jiżguraw miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi (l-Artikolu 125(4)(c) tas-CPR)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri li jappoġġaw il-ħidma tal-kumitat ta ' monitoraġġ

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għal sistema li tiġbor, tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni neċessarja għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifika u l-awditjar, inkluża, fejn ikun applikabbli, dejta dwar parteċipanti individwali u analiżi statistika tad-dejta dwar l-indikaturi skont is-sess fejn ikun meħtieġ

— il-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri ta' superviżjoni tal-funzjonijiet formalment delegati mill-awtorità maniġerjali skont l-Artikolu 123(6) u (7) tas-CPR

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għall-valutazzjoni, l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet u għall-iżgurar tal-konformità tagħhom, matul il-perjodu ta' implimentazzjoni kollu kemm hu, mar-regoli applikabbli (l-Artikolu 125(3) tas-CPR), inklużi struzzjonijiet u gwida li jiżguraw il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba tal-objettivi u r-riżultati speċifiċi tal-prijoritajiet rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125(3)(a)(i) tas-CPR u l-proċeduri li jiżguraw li l-operazzjonijiet ma jintgħażlux meta jkunu diġà ġew kompluti fiżikament jew implimentati b'mod sħiħ qabel l-applikazzjoni għall-finanzjament mill-benefiċjarju (inklużi l-proċeduri użati mill-korpi intermedji fejn il-valutazzjoni, l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet tkun ġiet iddelegata)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri li jiżguraw li l-benefiċjarju jingħata dokument li jistipula l-kundizzjonijiet tal-appoġġ għal kull operazzjoni, inklużi proċeduri li jiżguraw li l-benefiċjarji jżommu jew sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà adegwat għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għall-verifiki ta' operazzjonijiet (b'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 125 minn (4) sa (7) tas-CPR), inkluż dawk li jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet mal-politiki tal-Unjoni (bħal dawk relatati ma' sħubija u governanza f'diversi livelli, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltajiet, l-iżvilupp sostenibbli, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat u r-regoli ambjentali), u l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet jew korpi li jwettqu tali verifiki

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri li permezz tagħhom jiġu riċevuti minn benefiċjarji, applikazzjonijiet ivverifikati, u vvalidati għar-rimborż, u li permezz tagħhom jiġu awtorizzati, esegwiti u ġġustifikati l-ħlasijiet lil benefiċjarji, b'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 122(3) tas-CPR mill-2016 'il quddiem, (inklużi l-proċeduri użati mill-korpi intermedji fejn l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rimborż ikun ġie ddelegat), bil-ħsieb li tiġi rrispettata l-iskadenza ta' 90 jum għall-ħlasijiet lil benefiċjarji skont l-Artikolu 132 tas-CPR

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri sabiex jitfasslu u jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni rapporti annwali u finali dwar l-implimentazzjoni (l-Artikolu 125(2)(b) tas-CPR), inklużi l-proċeduri għall-ġbir u r-rapportar ta' dejta kredibbli dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni (l-Artikolu 125(2)(a) tas-CPR)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni (l-Artikolu 125(4)(e) tas-CPR)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għat-tfassil ta' sommarju annwali tar-rapporti ta' awditjar finali u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-livell tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, kif ukoll tal-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata (l-Artikolu 125(4)(e) tas-CPR)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri li jikkonċernaw il-komunikazzjoni lill-persunal dwar il-proċeduri ta' hawn fuq, kif ukoll indikazzjoni tat-taħriġ organizzat/previst u kwalunkwe gwida mahruġa (data u referenza)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri użati mill-korpi intermedji sabiex iwettqu kompiti ddelegati, u tal-proċeduri tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni sabiex tissorvelja l-effikaċja tal-kompiti ddelegati lill-korpi intermedji

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċedura ta' rapportar u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet (inkluża frodi) u s-segwitu tagħhom u r-reġistrazzjoni tal-ammonti rtirati jew irkuprati, l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, ammonti irrekuperabbli u ammonti relatati ma' operazzjonijiet sospiżi minn proċediment ġudizzjarju jew minn appell amministrattiv b'effetti sospensivi

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċedura għall-konformità mal-obbligu li l-irregolaritajiet jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 122(2) tas-CPR

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri għat-tfassil u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas

— id-dokumenti li jikkonċernaw l-arranġamenti eżistenti sabiex l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tista' taċċessa kull informazzjoni dwar l-operazzjonijiet, kif meħtieġ għall-fini tat-tfassil u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas, inklużi r-riżultati ta' verifiki tal-ġestjoni (b'konformità mal-Artikolu 125 tas-CPR u l-awditi rilevanti kollha

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċedura li biha l-applikazzjonijiet għal ħlas jitfasslu u jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, inkluża l-proċedura li tiżgura li tintbagħat l-applikazzjoni finali għall-ħlas interim sal-31 ta' Lulju wara tmiem is-sena ta' kontabbiltà preċedenti

— id-dokumenti li jikkonċernaw is-sistema ta' kontabbiltà użata bħala bażi biex il-kontijiet dwar in-nefqa jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni (l-Artikolu 126(d) tas-CPR):

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri fis-seħħ għat-tfassil tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tl-Kunsill ([8]) (l-Artikolu 126(b) tas-CPR)

— id-dokumenti li jikkonċernaw l-arranġamenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija konformi mal-liġi applikabbli (l-Artikolu 126(c) tas-CPR) filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-verifiki u l-awditi kollha

— id-dokumenti li jikkonċernaw is-sistema li tiżgura l-irkupru fil-pront tal-assistenza pubblika, inkluża l-assistenza tal-Unjoni

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri adegwati għall-iżgurar ta' sekwenza adegwata tal-awditjar billi jinżammu rekords tal-kontabilità f'forma kompjuterizzata, inklużi l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għandhom ikunu rkuprati, l-ammonti rtirati minn applikazzjoni għall-ħlasijiet, ammonti mhux rekuperabbli u ammonti relatati mal-operazzjonijiet sospiżi minn proċeduri legali jew permezz ta' appell amministrattiv li għandu effett ta' sospensjoni, għal kull operazzjoni, inklużi l-irkupri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 71 tas-CPR dwar id-durabbiltà tal-operazzjonijiet

— id-dokumenti li jikkonċernaw it-tnaqqis ta' ammonti rkuprati jew ammonti li għandhom jiġu rtirati min-nefqa li trid tiġi ddikjarata

— id-dokumenti li jikkonċernaw is-sistemi ta' informazzjoni inkluża ċart tal-proċess (sistema tan-netwerk ċentrali jew komuni jew sistema deċentralizzata b'rabtiet bejn is-sistemi)

— id-dokumenti li jikkonċernaw il-proċeduri li jivverifikaw li s-sigurtà tas-sistemi tal-IT hija żgurata

— ir-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà għal programmi operazzjonali u programmi ta' żvilupp rurali

— l-adozzjoni ta' regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għall-programmi ta' kooperazzjoni

Meta l-Istati Membri jistabbilixxu strateġija ta' intervent tal-Fondi SIE u jfasslu d-dokumenti ta' programmar iridu jirrispettaw id-drittijiet protetti mill-Karta u josservaw il-prinċipji msemmijin fiha. F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet l-aktar rilevanti huma l-Artikolu 47 tal-karta li jirrikonoxxi d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, inkluż id-dritt għal smigħ, l-Artikolu 7 dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

B) *L-organizzazzjoni ta' sħubija* (l-Artikolu 5(1) u (2) tas-CPR), l-Artikoli 5, 7, 15(1) (c) u (d) tas-CPR, l-Artikoli 2, 3, 4 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2014 ([9])

Dokumenti rilevanti għall-organizzazzjoni ta' sħubija: id-dokumenti li jikkonċernaw l-arranġamenti għas-sħubija fil-Ftehim ta' Sħubija u dokumenti oħra li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' sħubija

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu:

in-nondiskriminazzjoni, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet

([8]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([9]) ĠU L 74, 14.3.2014, p. 1.

C) *It-tfassil tar-regoli tas-sħubija tal-kumitat ta' sorveljanza kif ukoll regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ* (l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 240/2014), l-Artikoli 7, 47(1) sa (3) ([10]), 48(1) tas-CPR

Id-dokumenti rilevanti: dokumenti li jikkonċernaw ir-regoli dwar sħubija tal-kumitat ta' monitoraġġ u r-regoli ta' proċedura tal-kumitat ta' monitoraġġ

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-diversità lingwistika

II. ***Il-kumitat ta' monitoraġġ***

— *L-Eżaminazzjoni u l-approvazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni għall-programm operazzjonali u kull emenda tal-istrateġija, il-kriterji għall-għażla tal-operazzjonijiet (l-Artikolu 110(2 (a) u)(d) CPR, FAEŻR: L-Artikolu 21(74)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.)*

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali, in-nondiskriminazzjoni, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet

— *L-istabbiliment ta' regoli addizzjonali ta' eliġibbiltà tan-nefqa taħt il-programmi tal-ETC (l-Artikolu 18(2) ir-Regolament ETC)*

Dokumenti rilevanti: dokument li jistabbilixxi regoli addizzjonali ta' eliġibbiltà tan-nefqa taħt il-programmi tal-ETC

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-diversità lingwistika, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust

3. **Implimentazzjoni tal-programmi:**

Fl-implimentazzjoni ta' programmi, hawn taħt hawn lista ta' eżempji ta' azzjonijiet u dokumenti li joħorġu mis-CPR, fejn l-Istati Membri jew l-awtoritajiet maħtura minnhom jeħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari għall-konformità mal-Karta.

I. ***L-awtorità maniġerjali/il-korp intermedju***

L-azzjoni relevanti: it-tfassil u, wara l-approvazzjoni mill-kumitat ta' Monitoraġġ, l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-kriterji xierqa tal-għażla, inkluża l-preparazzjoni ta' sejħiet għal proposti (125(3)(a) tas-CPR, l-Artikoli 4(4), 7, 8, 34, 36(3), 47(1) tas-CPR), l-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, l-FEMS: 125(3)(a) tas-CPR u r-Regolamenti Delegati (UE) 2015/288 ([11]) u (UE) 2015/852 ([12]), l-FAEŻR: L-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Artikolu 113 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-Artikolu 12 tar-Regolament ETC ([13]), l-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Id-dokumenti rilevanti għal din l-azzjoni:

— id-dokumenti dwar il-proċedura tal-għażla

— id-dokumenti dwar il-kriterji tal-għażla

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali, id-diversità lingwistika, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, il-ħarsien tal-ambjent, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri.

Azzjoni relevanti: l-implimentazzjoni ta' programmi, bil-forniment ta' dejta kumulattiva dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, l-Artikoli 4(4) u (5), 7, 8, 74 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, l-FEMS: 122, 123 tas-CPR, l-Artikolu 21 tar-Regolament ETC, FAEŻR: L-Artikoli 65 u 66 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tal-Artikolu 97 tal-FEMS ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2014 ([14]) u (UE) Nru 1243/2014 ([15]).

([10]) Għall-programmi tal-ETC.
([11]) ĠU L 51, 24.2.2015, p. 1.
([12]) ĠU L 135, 2.6.2015, p. 13.
([13]) Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament ETC l-operazzjonijiet skont il-programmi ETC jintgħażlu mill-kunutat ta' Monitoraġġ jew fejn rilevanti, mill-kumitat ta' tmexxija.
([14]) ĠU L 334, 21.11.2014, p. 11.
([15]) ĠU L 334, 21.11.2014, p. 39.

Id-dokumenti rilevanti għal din l-azzjoni:

— id-dokument li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni inkluż ir-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li jridu jitwasslu taħt l-operazzjoni, il-pjan finanzjarju, u l-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni (l-Artikolu 125(3)(c) tas-CPR)

— in-notifiki ta' ċerti proġetti kbar magħżula (l-Artikolu 102(1), l-ewwel subparagrafu, tas-CPR, l-Artikolu 1 u l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1011/2014 ([16]))

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali, il-Libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-Libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, id-Dritt għall-edukazzjoni, il-Libertà ta' intrapriża, id-Dritt għall-proprjetà, il-Protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni, l-Ugwaljanza quddiem il-liġi, in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-Integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, il-Ħarsien tal-ambjent, id-Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust

L-azzjoni relevanti: il-benefiċjarji potenzjali jiġu infurmati dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament (l-Artikolu 115(1)(c) tas-CPR): l-Artikoli 7, FEŻR, FSE, FK: 115(1)(c) tas-CPR, FAEŻR: l-Artikolu 66(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 ([17])

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, in-Nondiskriminazzjoni

Azzjoni relevanti: jinżamm u jingħata aċċess għal-lista ta' operazzjonijiet aċċessibbli permezz ta' websajt unika jew portal ta' websajts uniku (l-Artikolu 115(2) tas-CPR): FEŻR, FSE, FK: l-Artikolu 115(2) tas-CPR ([18]); l-Anness V FEMS għar-Regolament 508/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 763/2014 ([19]).

Id-dokumenti rilevanti għal din l-azzjoni: informazzjoni fuq sit web jew il-portal tas-sit web

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-dejta personali

II. *Il-kumitat ta' monitoraġġ*

L-azzjoni relevanti: għażla tal-operazzjonijiet (l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013): l-Artikoli 4(4), 7, 8, 29(4), 47(1) tas-CPR, FEŻR, FAEŻR: l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, l-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, l-Integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet, il-Ħarsien tal-ambjent, id-Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust

L-azzjoni relevanti: eżami u approvazzjoni tar-rapport annwali ta' implimentazzjoni

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali

III. *L-awtorita' ta' ċertifikazzjoni*

L-azzjonijiet rilevanti: it-tfassil, iċ-ċertifikazzjoni u l-preżentazzjoni l-applikazzjonijiet għall-ħlas, it-tħejjija tal-kontijiet, iċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija konformi mal-liġi applikabbli u kienet imġarrba fir-rigward ta' operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament b'konformità mal-kriterji applikabbli għall-programm operazzjonali u li tikkonforma mal-liġi applikabbli, jiġi żgurat li hemm sistema li tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata ir-rekords ta' kontabilità għal kull operazzjoni (u funzjonijiet oħra mill-Artikolu 126 tas-CPR

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali

([16]) ĠU L 286, 30.9.2014, p. 1.
([17]) Skont l-Artikolu 23.(2) tar-Regolament ETC, dan huwa kompitu tas-segretarjat konġunt.
([18]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17.
([19]) ĠU L 209, 16.7.2014, p. 1.

IV. ***L-awtorità tal-awditjar***

L-azzjoni relevanti: it-twettiq ta' awditjar (l-Artikolu 127(1) u (2) tas-CPR)

I-d-dokumenti rilevanti l-istrateġija tal-awditjar (l-Artikolu 127(4) tas-CPR opinjoni tal-awditjar f'konformità mat-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju, rapport dwar il-kontroll (l-Artikolu 127(5)(a) u (b) tas-CPR)

Id-drittijiet/il-prinċipji rilevanti tal-Karta jinkludu: il-protezzjoni tad-dejta personali, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, in-nondiskriminazzjoni

ANNESS II

Id-drittijiet fundamentali fl-UE lil hinn mill-Karta

Il-Karta hija konsistenti mal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** adottata fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa. Meta l-Karta tkun tinkludi drittijiet li jirriżultaw minn din il-konvenzjoni, it-tifsir u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikunu l-istess (l-Artikolu 52(3) tal-Karta) ([1]).

Rigward l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltajiet (l-Artikolu 26 tal-Karta) f'Diċembru 2010 l-UE rratifikat il-**Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)**. Għalhekk il-UNCRPD tifforma "parti integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni Ewropea" ([2]). Barra minn hekk, il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni Ewropea għandhom preċedenza fuq strumenti ta' liġi sekondarja. Għaldaqstant, din tal-aħħar trid tiġi interpretata b'mod li huwa konsistenti mal-UN CRPD ([3]). Minħabba li kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri huma partijiet kontraenti separati, u kull wieħed għandu kompetenza fl-oqsma koperti mill-UN CRPD, il-konvenzjoni hija ftehim "imħallat" fil-kuntest tal-UE. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-UN CRPD li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE huma vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet tal-UE. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jobbliga lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-konvenzjoni sal-punt li d-dispożizzjonijiet tagħha jaqgħu fil-kompetenza tal-UE. L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni f'oqsma li mhumiex fil-kompetenza tal-UE tistrieħ esklussivament fuq l-Istati Membri. Minkejja l-kompetenzi differenti tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri huma soġġetti għad-dover ta' kooperazzjoni sinċiera meta jkunu qed jaqdu l-obbligi stipulati f'tali ftehimiet "imħallta". Fid-dikjarazzjoni tagħha mar-ratifika, l-UE pprovdiet lin-NU lista ta' atti tal-Unjoni li "juru l-firxa tal-qasam ta' kompetenza tal-Komunità f'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. (…)" Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 ([4]) huwa espliċitament imsemmi fid-dikjarazzjoni. Sabiex jassistu lill-Istati Membri jirrispettaw l-obbligu tagħhom skont il-UNCRPD, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea żviluppaw żewġ dokumenti ta' Gwida ([5]) u sett ta' għodod dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni ([6]).

Rigward il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni bħal razza, kulur, u oriġini etnika jew soċjali (l-Artikolu 21 tal-Karta), il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' gwida dwar id-desegregazzjoni fil-qasam tad-djar u fl-edukazzjoni għal komunitajiet marġinalizzati ([7]).

Rigward il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet fundamentali proċedurali, **il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-UNECE (il-Konvenzjoni ta' Aarhus)** ġiet iffirmata mill-Komunità u sussegwentement approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE ([8]). Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dik il-konvenzjoni jiffurmaw parti integrali tal-ordni legali tal-Unjoni Ewropea ([9]). Barra minn hekk, huma jieħdu preċedenza fuq il-liġi sekondarja u għaldaqstant din tal-aħħar trid tiġi interpretata b'mod li huwa konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Aarhus ([10]).

Barra minn hekk, l-Artikolu 7 TUE jista' jiġi attivat f'każ ta' riskju li Stat Membru jikkommetti ksur serju tal-valuri tal-Unjoni imsemmija fl-Artikolu 2, li jinkludu r-rispett għad-drittijiet umani u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi. Il-proċedura tista' tirriżulta fis-sospensjoni ta' ċerti drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati lill-Istat Membru fil-kwistjoni.

([1]) L-Uffiċċju Stampa tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġabar skedi informattivi skont it-tema dwar il-każistika u l-kawżi pendenti tal-Qorti. Dawn l-iskedi informattivi huma utli ħafna fil-każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti drittijiet fundamentali. Dawn issibhom hawnhekk:
http://www.echr.coe.int/Pages/home.aspx?p=press/factsheets&c=#n1347890855564_pointer
Ara b'mod partikolari, l-iskeda informattiva reċenti dwar l-ambjent u l-QEDB b'deskrizzjoni tal-kwistjonijiet relatati, fost oħrajn, ma' fastidju (irwejjah, storbju u dħaħen li jniġġsu) li f'ċerti każi jammonta għall-ksur tal-Artikolu 8 QEDB dwar id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, li huwa minqux fl-Artikolu 7 tal-Karta (il-formulazzjoni tal-Artikolu 8 QEDB u tal-Artikolu 7 tal-Karta hija simili):
http://www.echr.coe.int/Documents/FS_Environment_ENG.pdf

([2]) Ara pereżempju: QtĠ-UE Kawżi Magħquda C-335/11 u C-337/11 *HK Danmark*, Judgement tal-11 ta' April 2013, paragrafu 30.

([3]) Ara pereżempju: QtĠ-UE Kawżi Magħquda C-335/11 u C-337/11 *HK Danmark*, Judgement tal-11 ta' April 2013, paragrafu 29.

([4]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

([5]) Linji Gwida Komuni Ewropej dwar it-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità, http://www.deinstitutionalisationguide.eu/wp-content/uploads/2016/04/Toolkit-07-17-2014-update-WEB.pdf u n-Nota ta' gwida tematika dwar it-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità (Deistituzzjonalizzazzjoni), http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/guidance_deinstitutionalistion.pdf

([6]) Sett ta' għodod dwar l-Użu tal-Fondi tal-Unjoni Ewropea għat-Tranżizzjoni mill-Kura Istituzzjonali għall-Kura Bbażata fil-Komunità, http://www.deinstitutionalisationguide.eu/wp-content/uploads/2016/04/GUIDELINES-Final-English.pdf

([7]) http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/thematic_guidance_fiche_segregation_en.pdf

([8]) ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

([9]) Kawża C-240/09 *Lesoochranárske zoskupenie* [2011] Ġabra I-01255, paragrafu 30.

([10]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

Fl-aħħar nett, wieħed jeħtieġ li jiftakar li l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-QtĠ huma sors addizzjonali tad-drittijiet fundamentali fid-dritt primarju tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 6 TUE u l-każistika QtĠ-UE, huma jibqgħu rilevanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku pari passu mal-Karta.

Il-prinċipji ġenerali japplikaw, pari passu mal-Karta, kull meta l-Istati Membri jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Pereżempju, l-Artikolu 41 tal-Karta li jinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba mhuwiex indirizzat lill-Istati Membri, iżda biss lill-Unjoni. Madankollu, f'dawk il-każi fejn l-Istati Membri jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni tajba jista' japplika xorta waħda.

ANNESS III

Mistoqsijiet prinċipali

Il-mistoqsijiet ta' hawn taħt ([1]) jagħtu gwida ġenerali dwar liema kwistjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati meta tkun qed tiġi vverifikata l-konformità mad-Drittijiet Fundamentali tal-azzjonijiet u d-dokumenti msemmija fl-Anness I.

Impatti fuq id-drittijiet fundamentali	Mistoqsijiet prinċipali
Ġenerali	— Liema drittijiet fundamentali huma affettwati? — Id-drittijiet inkwistjoni huma assoluti (li ma jistgħux ikunu soġġetti għal limitazzjonijiet, eżempji huma d-dinjità tal-bniedem u l-interdizzjoni tat-tortura)? — L-azzjoni għandha ([1]) kemm impatt ta' benefiċċju kif ukoll impatt negattiv skont id-drittijiet fundamentali kkonċernati (pereżempju, impatt negattiv fuq il-libertà tal-espressjoni u impatt ta' benefiċċju fuq il-proprjetà intellettwali)?
Dinjità	— L-azzjoni għandha impatt fuq id-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja u l-integrità tal-persuna? — L-azzjoni tqajjem kwistjonijiet (bijo)etiċi (l-ikklownjar, l-użu tal-ġisem tal-bniedem jew partijiet minnu għal qligħ finanzjarju, ir-riċerka/l-ittestjar ġenetiku, l-użu ta' informazzjoni ġenetika)? — L-azzjoni se tinvolvi riskji f'termini ta' tortura u trattament jew piena inumani jew degradanti? — L-azzjoni se jkollha impatt f'termini ta' xogħol furzat u t-traffikar tal-bnedmin?
Individwi, il-ħajja privata u tal-familja, il-libertà tal-kuxjenza u tal-espressjoni	— L-azzjoni taffettwa d-dritt għal-libertà tal-individwi? — L-azzjoni taffettwa d-dritt għal privatezza fil-ħajja privata (inklużi darhom u l-komunikazzjonijiet tagħhom)? — L-azzjoni taffettwa d-dritt ta' individwu għal moviment ħieles fl-UE? — L-azzjoni taffettwa d-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja jew il-protezzjoni legali, ekonomika jew soċjali tal-familja? — L-azzjoni taffettwa l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon? — L-azzjoni taffettwa l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni? — L-azzjoni taffettwa l-libertà tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni? — L-azzjoni taffettwa l-libertà tal-arti u x-xjenzi?
Dejta personali	— L-azzjoni tinvolvi l-ipproċessar tad-dejta personali? — Min jipproċessaha d-dejta personali u għal liema raġuni? — Id-dritt tal-individwu għal aċċess, rettifika u oġġezzjoni huwa garantit?

([1]) Dawn il-mistoqsijiet ġew żviluppati u użati wkoll mill-Kummissjoni għall-fini tal-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt fil-kuntest tal-pakkett ta' regolamentazzjoni aħjar.

Impatti fuq id-drittijiet fundamentali	Mistoqsijiet prinċipali
	— L-attività tal-ipproċessar tad-dejta ġiet notifikata lill-awtorità kompetenti? — Il-katini tal-ipproċessar/trasferiment tad-dejta jimplikaw ukoll trasferimenti internazzjonali u jekk iva hemm xi salvagwardji speċifiċi fis-seħħ fil-każ ta' trasferimenti internazzjonali? — Is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta hija prevista mill-aspett tekniku u organizzattiv? — Hemm previsti xi salvagwardji li jagħmlu l-interferenza fid-dritt tal-protezzjoni tad-dejta proporzjonali u neċessarja? — Hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa/speċifiċi ta' rieżami u sorveljanza?
Asil u protezzjoni minn tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni	— L-azzjoni taffettwa d-dritt għall-asil u tiggarantixxi l-projbizzjoni kontra t-tkeċċija jew estradizzjonijiet kollettivi lejn Stati ta' individwi fejn dawn jirriskjaw li jkunu soġġetti għal piena tal-mewt, tortura jew trattament degradanti.
Drittijiet ta' proprjetà u d-dritt tal-intrapriża	— Id-drittijiet ta' proprjetà huma effettwati (l-art, il-proprjetà mobbli, l-assi tanġibbli/intanġibbli)? Id-drittijiet tal-akkwist, il-bejgħ jew l-użu tal-proprjetà, huma limitati? — Jekk iva, se jkun hemm telf komplet tal-proprjetà? Jekk hu hekk x'inhuma l-ġustifikazzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' kumpens? — L-azzjoni taffettwa l-libertà tal-intrapriża jew timponi rekwiżiti addizzjonali li jżidu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati?
Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, trattament u opportunitajiet indaqs, nondiskriminazzjoni, u drittijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet	— L-azzjoni thares il-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u taffettwa direttament jew indirettament, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd? — L-azzjoni għandha (direttament jew indirettament) impatt differenti fuq in-nisa u l-irġiel? — L-azzjoni kif tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel? — L-azzjoni kif tinvolvi xi trattament differenti ta' gruppi jew individwi direttament fuq bażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età u orjentazzjoni sesswali? Jew tista' twassal għal diskriminazzjoni indiretta? — L-azzjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltajiet? Kif? (ara http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:32010D0048)
Drittijiet tat-tfal	— L-azzjoni ssaħħaħ jew tillimita d-drittijiet tat-tfal (jew ta' grupp)? X'inhi l-ġustifikazzjoni għall-possibbiltà ta' restrizzjoni? — L-azzjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal? — L-azzjoni tgħin biex tippromwovi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal? Meta tagħmel dan, hija tikkunsidra wkoll id-drittijiet u l-prinċipji tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tan-NU? Jekk iva, liema oġġetti jistgħu jkunu kkonċernati? — Kif inhuma promossi l-prinċipji ta' gwida tal-KDT tan-NU fl-azzjoni?

Impatti fuq id-drittijiet fundamentali	Mistoqsijiet prinċipali
	— L-azzjoni timpedixxi xi prinċipju gwida tal-KDT tan-NU? — X'passi ttieħdu biex jittejbu jew jikkumpensaw għal kull effett negattiv tal-azzjoni? — Ġie rrispettat id-dritt tat-tfal li jinstemgħu dwar il-kwistjonijiet kollha li jolqtu lilhom? — L-azzjoni tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' sistemi ta' ġustizzja adattati għat-tfal, adattati għall-ħtiġijiet, l-età u l-maturità tal-minuri?
Amministrazzjoni tajba/Rimedju effettiv/Ġustizzja	— Il-proċeduri amministrattivi fis-seħħ se jsiru aktar ta' piż? — Il-proċeduri se jiggarantixxu d-dritt ta' smigħ, id-dritt ta' aċċess għall-fajl bil-kunsiderazzjoni dovuta għas-segretezza professjonali u kummerċjali kif ukoll l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha? — Hemm impatt fuq id-dritt tal-aċċess tal-individwu għall-ġustizzja? — Fil-każ li l-azzjoni taffettwa d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, hemm previst id-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal? — Jekk l-azzjoni tikkonċerna l-liġi kriminali jew tipprevedi sanzjonijiet tal-liġi kriminali ġew ipprovduti salvagwardji li jiggarantixxu l-Preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża, il-prinċipji tal-legalità u l-proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni, kif ukoll id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn fi proċedimenti kriminali għall-istess reat kriminali?
Solidarjetà u drittijiet tal-ħaddiema	— L-azzjoni tirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema bħal: id-dritt tal-ħaddiema għal informazzjoni u konsultazzjoni fl-intrapriża; id-dritt ta' negozjar u azzjoni kollettivi; id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' impjieg; il-protezzjoni f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata; kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa; il-projbizzjoni tat-tħaddim ta' tfal u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol, u d-dritt għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għas-servizzi soċjali?
Ħarsien tal-Ambjent	— L-azzjoni tikkontribwixxi lejn livell għoli ta' ħarsien ambjentali u titjib fil-kwalità tal-ambjent skont il-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli?

(1) Azzjonijiet li jimplimentaw il-programmi u jwettqu azzjonijiet konkreti deskritti fil-qosor f'deskrizzjoni tal-proġett għax-xogħlijiet imwettqa fl-implimentazzjoni tal-fondi SIE (l-azzjoni).